13 ta' Diċembru, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Paolo Pace** *versus* **Maria Bugeja**

## Inġurja — "Animus Injuriandi" — Prova.

*L-"animus injuriandi" huwa preżunt, meta l-kliem li ngħad huwa nġurjuż; imma din il-preżunzjoni hija "juris tantum", li sservi biex tixħet fuq il-kwerelat il-piż tal-prova kuntrarja eskludenti dak l-"animus".*

*Xebba li tirċievi proposta ta' żwieġ, u ma tkunx edotta biżżejjed dwar il-persuna li għamlitilha dik il-proposta, hija ġustifikata li tagħmel l-investigazzjoni tagħha dwar dik il-persuna, qabel ma tagħti risposta jekk taċċettax jew le dik il-proposta. Jekk imbagħad f'din l-investigazzjoni jiġi lilha riferit xi fatt diżonoranti kontra min ipproponielha ż-żwieġ, u hija, bil-ħsieb serju li taċċetta l-proposta, u mingħajr ma tfittex publiċità, tistaqsi jekk dak il-fatt huwiex veru, ma għandhiex tiġi ritenuta li kellha l-"animus injuriandi"; u dan avvolja b'hekk dak il-fatt jippropala ruħu.*

Fuq kwerela ta' l-imsemmi Pace, l-imsemmija Bugeja, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-2 ta' Ottubru 1952, ġiet misjuba ħatja ta' inġurja gravi u kundannata għall-multa ta' £1 u għall-ħlas ta' l-ispejjeż proċesswali;

Il-kwerelata appellat minn din id-deċiżjoni;

Trattat l-appell, din il-Qorti rrifletttiet kif sejjer jingħad;

Il-fatti, kif assodati mill-kumpless tal-provi rettament valutati, kienu dawn. Bejn il-kontendenti kien hemm proposta ta' żwieġ, u peress li l-kwerelata ma kienetx edotta biżżejjed dwar il-kwerelant, irriżervat li tagħtih risposta wara li taħsibha — naturalment, u mhux irraġjonevolment, biex tistaqsi għalih. Ġara illi ntqal lill-kwerelata, meta hekk investigat, illi l-kwerelant kellu xi tfal illeġittimi. Il-kwerelata evidentement riedet tappura din l-informazzjoni, u għalhekk marret mal-mara ta' ħuha biex tistaqsi lil ċerta Debattista, b'xi mod, għad li fil-bogħod, imparentata magħha, u li toqgħod viċin fejn joqgħod il-kwerelant. Daħlet għand din Debattista, fl-entrata, x'ħin din Debattista kienet weħedha, u staqsietha konfidenzjalment jekk l-allegat kienx veru. Din Debattista weġbitha li ma kienet taf xejn fuq daqshekk, u li kienet taf lill-kwerelant bħala raġel sewwa u galantom, u fil-pront sejħet lil ċerta Elena Vella, ħabiba tagħha, u rrepetitilha d-diskors li kienet qaltilha l-kwerelata;

Issa, ma hemmx dubju illi l-kliem huma per sè inġurjużi, u hi massima indubitata li "si verba sunt per se injuriosa animus injuriandi praesumitur". Il-preżunzjoni, s'intendi, ma hix "juris et de jure", imma biss "juris tantum", u sservi biss biex tixħet fuq il-kwerelat il-piż tal-prova kuntrarja eskludenti dak l-"animus";

F'dan il-każ, materjalment, il-kwerelata rrepetiet lil Debattista dak li kien qalilha ħadd ieħor għak-kariku tal-kwerelant, u ċertament ma hux skriminanti l-"animus narrandi"; għax kif opportunament jgħid is-Semmola fit-trattat tiegħu "La Censura Pubblica nei Liberi Ordinamenti", "nessuno ha il diritto di farsi propalatore di un'imputazione ingiuriosa". U perspikaċement josserva wkoll in propożitu l-Catastino, fit-trattat tiegħu "Della consumazione dei delitti mediante la scrittura", "il dire che sia permesso d'insultare un disgraziato solo perchè è stato prima bersaglio di altri insulti, mi pare contrario ad ogni regola di ragione e giustizia";

Iżda f'dan il-każ il-pont hu jekk il-kwerelata rrelatatx il-fatt lilha riferit bl-"animus" li tinġurja, ċjoè bil-koxjenza li tiddivulga propożizzjoni inġurjuża, jew inkella bl-idea biss

li tagħmel investigazzjoni legittimi qabel ma tiddeċidi tiegħu bill-kwerelant bħala żewġha; għaliex hu sewwa dak li osservat sentenza tal-Pretura ta' Torin, 25 ta' Marzu 1898, Gosio-Gpza. Pen. Torino 18, 167, illi "nell'ingiuria, più che in ogni altro reato, devesi tener conto dell'elemento soggettivo";

L-Imħallef sedenti, wara li ppondera dwar il-każ, hu ta' fehma li ma kienx hemm fil-kwerelata l-propożitu li tingurja lill-kwerelant; għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Hu veru li kien hemm mill-parti tal-kwerelant proposta ta' żwieġ, u hu raġjonevoli li l-kwerelata xtaqet tistaqsi fuqu;

2. Ma rriżulta bl-ebda mod li kienet bi ħsiebha tirrespinġi l-proposta tiegħu għal xi raġunijiet oħra indipendenti mir-riżultat eventwali ta' l-investigazzjoni; anzi pjuttost jidher li hi xtaqet li kollox jirriżulta favorevoli. Għalhekk ma hux raġjonevoli li wieħed jirritjeni li hija marret għand Debattista għal skop malinn, għax hu kontrosens li hija riedet toltraġġja lil dak l-individwu li, kieku l-investigazzjonijiet ħarġu favorevoli, kien desinjat bħala żewġha fil-futur;

3. Ma jirriżultax li hi tkellmet smodatament fis-sens li żiedet xi ħaġa minn tagħha, jew qalet xi espressjoni avversa għall-kwerelant li ma kienetx meħtieġa għall-indaġini li kienet qiegħda tagħmel. Fi kliem ieħor, hija, kif jesprimi ruħu l-Frola fil-materja analoga ta' l-"animus consulendi" (paġ. 71) "non vi ebbe a mescere un pò di livore suo proprio";

4. Lanqas jidher, kif qalet l-Ewwel Qorti, li hija fittxet publiċità żejda; għax Elena Vella ma kienetx hemm meta l-kwerelata staqsiet konfidenzjalment lil Debattista; u kienet din Debattista li inaspettatament sejħet lil Vella. F'materja analoga tad-diffamazzjoni, il-ġurisprudenza u dottrina estera dejjem irritenew li d-divulgazzjoni għandha tkun "deliberata" (ara Frola paġ. 171, u sentenza tal-Pretura ta' Assisi 21 ta' Settembru 1894, Calisti — Gpza. Penale, Tor. 15, 192), fis-sens li "affinchè la communicazione a più persone sia punibile, deve essere fatta a due persone con animo di renderle tutte due edotte del fatto che si communica";

Hu veru li, bene o male, il-fatt ippropala ruħu, imma

b'daqshekk ma jistax jinghad li kien hemm l-"animus injuriandi" mill-parti tal-kwerelata;

Ghalhekk il-Qorti tiddecidi;

Billi tilqa' l-appell, tiddikjara lill-kwerelata mhux hatja, u tilliberaha;

Atteżi, però, ic-cirkustanzi tal-każ, l-ispejjeż kollha jinqasmu bin-nofs, tant ta' l-ewwel kemm ukoll tat-tieni istanza, hlief dawk tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 1952, li jibqghu fuq l-appellanti biss;

Onorarju tad-difensuri 12s. ghas-seduta tal-15 ta' Novembru 1952, u 8s. ghal dik tas-6 ta' Dicembru 1952, u 10s. ghal dik tal-lum.